# QORTI ĊIVILI PRIM’AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta’ nhar il-Ħamis, 18 ta’ Jannar, 2024**

**Numru 9**

**Rikors Numru 261/20TA**

**Karl Iles (KI 81176M)**

**vs**

**Christian Falzon (KI 335686M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta’ Kark Iles (l-Attur) tal-4 ta’ Mejju 2020 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

“1. Illi nhar it-3 ta’ Awwissu 2018 ir-rikorrent kien qieghed isuq mutur tat-tip Kymco bin-numru ta’ reġistrazzjoni KBU-927 fit-Triq l-Imqabba, Siġġiewi bit-triq prattikament ħielsa mit-traffiku, u waqt li kien qiegħed isuq fil-karreġjata tax-xellug baqa’ dieħel fil-ġenb tat-trakk tal-għamla HINO 3815 bin -numru ta’ reġisrazzjoni EHQ-127 misjuq mill-intimat warra li s-sewwieq tat-trakk, mingħajr ma uża l-*indicator*, saq it-trakk lejn il-lemin tiegħu u f’ħin bla waqt reġa dar disgħin ċentigradi fuq l-istess fuq karreġjata sabiex jidħol ġo *side street*, minn liema kareġġjata u direzzjoni kien ġej ir-rikorrent u liema kolliżjoni kkawżat

lir-rikorrent danni kemm fiżiċi (fosthom grieħi ta' natura permanenti) kif ukoll materjali;

2. Illi l-inċident tat-traffiku seħħ unikament tort tal-imprudenza, negliġenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku tal-intimat u talli ma ħax id-dovuti prekawzjonijiet u huwa kollu miġbud minn CCTV camera li kienet hemm fl-akkwati;

3. Illi r-rikorrent, kawża tal-inċident u tal-impatt li kien hemm, sofra ksur fil-parti ċentrali tad-driegħ ix-xellugija (*Volar Barton Fracture*) u danni fiżiċi fis-snien tax-xedaq ta' fuq, tant li kellu jiġi rikoverat fl-isptar Mater Dei għal tlett ijiem, kien jeħtieġ operazzjoni fil-polz tal-id xellugija u wara li ġie rilaxxjat mill-Isptar kellu jagħmel intervent fis-snienu;

4. Illi minkejja l-fatt li l-intimat ġie interpellat jersaq għal-likwidazzjoni tad-danni sofferti mir-rikorrent, l-intimat baqa' inadempjenti.

Għaldaqstant ir-rikorrent, filwaqt li jġib is-suriferiti fatti a konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, jgħid l-intimat għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara l-intimat unikament responsabbli għall-inċident tat-traffiku li seħħ fi Triq l-Imqabba, is-Siġġiewi, meta r-rikorrent li kien qed isuq il-mutur tiegħu Kymco bin-numru ta' reġistrazzjoni KBU-927 baqa' dieħel fit-trakk HINO 3815 bin-numru ta' reġistrazzjoni EHQ-127 li kien misjuq mill-intimat, wara li l-intimat ma ħax id-dovuti prekawzjonijiet u mingħajr avviż wettaq kontravvenzjoni tar-regolamenti tat-traffiku li ta lok għal kolliżjoni billi qasam il-karreġjata, b'riżultat ta' liema r-rikorrenti sofra danni u debilita' permanenti;

2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mir-rikorrent, kemm fiżiċi kif ukoll dawk materjali riżultat tal-istess inċident ilmentat u dan okkorrendo bin-nomina ta' periti nominati għal dan l-iskop kemm-il darba jkun il-każ, u

3. Tikkundanna lill-intimat iħallas lir-rikorrent id-danni hekk likwidati fi żmien qasir u perentorju.

Bl-imgħax u spejjeż legali, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali numru 1840/19 ippreżentata preċedentement kontra l-intimat li minn issa huwa inġunt għas-subizzjoni."

Rat ir-risposta ta' Christian Falzon (il-konvenut) tal-20 ta' Mejju 2020 li permezz tagħha wieġeb u eċċepixxa s-segwenti:

1. "Illi t-talbiet attirci huma nfondati fil-fatt u fid-Dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti u dan stante illi assolutament mhux minnu illi l-konvenut Christian Falzon kien b'xi mod jahti ghall-incident in kwistjoni u dana hekk kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghal fuq premess, kull somma ta' danni pretiza mir-rikorrenti hija kontestata, u r-rikorrenti ghandu jressaq l-ahjar prova valida skond il-Ligi sabiex jipprova dak minnu allegat in linea ta' danni in konnessjoni ma' dan l-incident u li juri li d-danni pretizi minnu huma rizultat <u>esklussiv</u> tal-incident mertu tal-kawza u tal-ebda incident precedenti, jew ta' xi *pre-existing health condition* illi seta' kien qed ibati minnha, jew ta' kwalunkwe cirkostanza ohra;

3. Illi fl-ahharnett, minghajr pregudizzju ghal fuq premess, l-esponenti jeccepixxi illi f'kaz ta' kwalunkwe likwidazzjoni ta' danni a favur ir-rikorrenti, ghandha titnaqqas kull somma ta' beneficcju u/jew kumpens illi r-rikorrenti digá ha jew ser jiehu minn sorsi ohrajn – sew pubblici kif ukoll privati – minhabba l-istess incident mertu tal-kawza odjerna;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-Ligi."

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-Kawża.

Semgħet u qrat ix-xhieda imressqa mill-partijiet fil-perkors ta' din il-Kawża.

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' Fatti**

**1.** Din il-Kawża tittratta inċident awtomobilistiku li ġara fit-3 ta' Awwissu 2018. L-Attur kien qiegħed isuq mutur tal-Marka Kymco KBU-927 u l-konvenut Trakk tal-Marka Hino EHQ-127 fi Triq l-Imqabba Siġġiewi.

**2.** Dan l-inċident okkorra fil-mument meta l-konvenut li kien qiegħed isuq it-trakk lewa mil-lemin għax-xellug li kienet pjuttost dejqa meta l-Attur li kien qiegħed isuq il-mutur li kien ġej mid-direzzjoni l-oħra daħal fil-kaxxa

tal-għodda tat-trakk inkwistjoni. It-Trakk kien kważi laħaq deffes rasu fit-triq laterali u dan kif anke jidher minn ritratt li ġie esebit (a' fol 86). L-attur jikkontendi li dan l-inċident ġara tort uniku tal-konvenut.

**3.** B'konsegwenza ta' dan l-inċident l-Attur soffra danni kemm attwali u kif ukoll futuri. Il-konvenut interpellat biex jersaq għal-likwidazzjoni u ħlas ta' dawn id-danni baqa' inadempjenti biex għalhekk kellha issir din il-Kawża.

**Punti ta' Liġi**

**4.** L-artikoli tal-liġi, applikabbli għall-każ odjern huma 1031 u 1032(1) tal-Kodiċi Ċivili. Skont dawn id-disposizzjonijiet, "*Kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu"* u li "*Jitqies fi ħtija kull min bl-egħmil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja.*"

**5.** Il-Kodiċi għat-Traffiku fit-Triq (*Highway Code*) jikkumplimenta l-istess liġi billi jipprovdi sett ta' regolamenti li jispeċifikaw fhiex għandha tikkonsisti dik il-prudenza, diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja li għandhom jassumu l-pedoni (pedestrians), ċiklisti u s-sewwieqa ta' diversi tipi ta' vetturi. Għalkemm tali regolamenti jservu biss bħala linji gwida u strettament ma għandhomx saħħa ta' liġi, xorta ġew ripetutament meħuda in konsiderazzjoni mill-Qrati u l-ġurisprudenza tagħna sabiex jaslu għar-responsabbilita.

**6.** Fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti tqies li r-regolament tal-Highway Code li huma applikabbli huma s-segwenti:

1. "*198. In roads having more than one lane on each side, never switch abruptly to the right if you are on the left-hand lane, nor abruptly to the left if you are proceeding along the right-hand lane.*

2. *199. Before changing direction either to the left or right, you must invariably signal your intention to turn well in advance and make sure that it is safe to do so by looking in your mirror. Make sure that your direction indicator gives the signal intended and that it is cancelled immediately after use.*

3. *104. Excessive speed increases both the possibility and the severity of accidents."*

**7.** Kwantu jirrigwarda l-applikazzjoni ta' dan il-Kodiċi il-Qrati tagħna korrettament josservaw li "*Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat"* (Ara **Sentenzi fl-ismijiet Il-Pulizija -vs- Alfred Mifsud deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-6 ta' Mejju 1997**, **Il-Pulizija -vs- Andre Joel Camilleri u Il-Pulizija -vs- Michael Angelo Xerri deċiżi**

**mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-15 ta' Settembru 2022 u fil-25 ta' Jannar 2023**).

**Konsiderazzjonijiet**

**8.** F'dawn it-tip ta' Kawżi jridu jsiru żewġ kunsiderazzjonijiet prinċipali. L-ewwel trid tkun stabbilita r-responsabbilita tal-inċident u wara x-xorta ta' danni sofferti mid-danneġġjat. In mankanza tal-ewwel ma hemmx danni x'jiġu ikkunsidrati.

<u>*Responsabbilita'*</u>

**9.** Ma hemm ebda dubbju l-filmat meħud minn CCTV camera li kien hemm fejn seħħ l-inċident ser jgħin enormement lil din il-Qorti. Iżda huwa ukoll utli li jitqies dak li ħareġ mix-xhieda u provi oħra.

**10.** Skond ir-rapport tal-Pulizija (a' fol 7) il-konvenut ġie rapportat li qal "….*hadt id-dawra ghax it-trakk twil u <u>xeghelt l-indicator</u> u l-mutur qabel minn naha ta' gewwa u jiena u nikser dahal fil-kaxxa tal-ghodda tal-van li tigi fin-nofs tat-trakk.* (Emfażi tal-Qorti a' fol 8). Il-konvenut jgħid ukoll li l-Attur kien ġej b'veloċita' kbira.

**11.** L-Attur minn naħa tiegħu ġie rapportat li qal li "*Kont ghaddej fi-triq vojta quddiemi. It-trakk kien qieghed ipparkjat taht sigar faccata u qasam it-triq biex jidhol go side street u ghalaq it-triq kollha ghalhekk ma kelliex fejn immur u bqajt diehel fil-genb tieghu*". (a' fol 10). Jesmond Falzon, li jiġi hu l-konvenut jgħid, li ra l-inċident. Dan ġie rapportat li qal "*Jien qed*

*insuq wara l-van u rajt kollox u naqbel mal-verzjoni ta' Christian"* (a' fol 10).

**12.** Il-kwistjoni tal-indicator f'kawża bħal din jakkwista importanza kbira għaliex kull sewwieq huwa tenut, li qabel ma jilwi għal triq laterali, speċjalment jekk din il-manuvra issir minn fuq karreġġjata għal oħra, għandu l-obbligi li mhux biex jixgħel l-indikatur tad-dawl, iżda li dan jagħmlu fi żmien tajjeb u biżżejjed minn qabel biex jagħti avviż raġjonevoli li dawk li jkunu warajh bil-ħsieb tiegħu li ser jilwi.

**13.** Il-prudenza u diliġenza fis-sewqan tinsisti għal dan u dan kif del resto jiddisponi Reg *19 tal-Highway Code* Li *"Before changing direction either to the left or right, you must invariably signal your intention to turn well in advance and make sure that it is safe to do so by looking in your mirror".*

**14.** Il-Qorti eżaminat b'reqqa il-provi li għandha quddiemha u ssib li dak li jgħidu kemm il-Konvenut u anke ħuh ix-xhud, ma għandux mis-sewwa, meta jgħidu li nxtegħel l-indikatur tad-dawl mill-Attur. Di fatti l-Pulizija jixhed li l-konvenut qalilhom li kien xegħel l-indicator (a' fol 98). Pero' dan il-Pulizija jixhed li kienu raw is-CCTV Camera iżda ma raw ebda indicators mixgħulin.

**15.** Il-Qorti ukoll eżaminat il-filmat tas-CCTV camera u tasal għall-istess konklużjoni li wasal għaliha l-Uffiċjal tal-Pulizija, li di fatti l-indikatur tad-dawl ma kienx mixgħul. Il-filmat huwa ċar biżżejjed biex dan il-fatt jiġi

stabbilit. Tant, li dan l-indikatur ma kienx mixgħul li anke meta l-Attur niżel mit-trakk. Ebda indikatur ma kien mixgħul, meta f'każijiet bħal dawn l-indikatur jibqa' mixgħul anke biex ikun indikat li din il-prekawzjoni kienet ittieħdet.

**16.** Għalhekk fir-rigward ta' dan il-fattur il-Qorti temmen lill-Attur u mhux lill-konvenut. Għalhekk hawn intweriet traskuraġni u nuqqas ta' diliġenza fis-sewqan minn naħa tal-Konvenut. Kellu obbligu li jixgħel l-indikatur u dan ma għamlux bħal ma kellu ukoll l-obbligu li qabel jilwi għal ġewwa triq laterali, jieqaf għall-mument biex jaċċerta li mhux ġej traffiku minn naħa l-oħra tal-karreġġjata. Minn dan kollu ma għamel xejn.

**17.** Mill-filmat jirrisulta ċar li l-Konvenut qabel ma dar naqqas xi ftit il-veloċita' iżda mingħajr pero' ma waqaf qabel dar għal kollox. F'dan ir-rigward REG *198. tal-Highwaycode* jagħmilha ċara li "*In roads having more than one lane on each side, never switch abruptly to the right if you are on the left-hand lane, nor abruptly to the left if you are proceeding along the right-hand lane*". Fil-fatt mill-filmat jirrisulta b'mod ċar, li kontra din ir-regola l-konvenut dar f'daqqa meta suppost kien jaf li qiegħed jagħmel manuvra li ma hi xejn ordinarja fi triq li tidher li hija traffikuża u jekk ma tridx meta kien ser jaqsam it-triq dijametrikament. Fil-fatt hu stess jixhed, li ried jikkwartja biex jidħol fi triq laterali li hija dejqa (a' fol 280 tergo).

**18.** Dawn huma r-regoli li għandhom jiġu segwiti mis-sewwieqa li jkunu fi triq prinċipali u sejrin jidħlu fi triq laterali. (Ara **Sentenza Qorti tal-**

**Appell Kriminali Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera fl-ismijiet Il-Pulizija -vs- Ramona Borg tas-26 ta' Settembru 2023**).

**19.** Min-naħa l-oħra, il-Qorti lanqas ma tista' ma tqies il-veloċita' li kien għaddej biha l-Attur. Ix-xhud, hu l-Attur, jixhed li "*It-trakk kien qieghed idur u f'daqqa wahda <u>ghadda mutur sajjetta minn mieghi</u>. Jigifieri l-karozzi u li kien hemm warajja….*" (a' fol 276). Jerġa' jirrepeti "*qalghani <u>gas down</u>".* Dan ix-xhud jgħid li hu kien miexi bi 30 u 40 (ibid). Min-naħa l-oħra l-Attur jgħid li bejn wieħed u ieħor kien "*ghaddej fifty, fifty five"* (a' fol 286). Il-Qorti anke f'dan ir-rigward, rat il-filmat . Din id-darba ma temminx lill-Attur.

**20.** Għal din il-Qorti huwa manifestament ċar li f'żona li tidher li hija built up area, bid-double parking ta' vetturi faċċata u bit-traffiku ma jaqta' xejn, l-Attur tassew kien qiegħed isuq 'l fuq mil-limitu ta' veloċita' f'żoni li ma tippermettix sewqan esaġerat. Anke hu stess jagħti x'jifhem li kien qiegħed isuq b'aktar minn 50 kilometru fis-siegħa, meta skond il-Highway Code il-massimu ta' veloċita' f'build up areas hija dik ta' 50 kilometru is-siegħa (Reg 272 Highway Code). Saħansitra jgħid li għafas il-brejkijiet u xorta baqa' dieħel fit-trakk(a' fol 51). Ukoll indikazzjoni ta' veloċita'. Aktar minn hekk, l-Attur kien jaf li kien riesaq lejn kantuniera fejn hemm triq laterali u anke hawn huwa obbligat li ma jsuqx bil-veloċita' li kien biha (Ara **Sentenza tas-7 ta' Frar 2005 fl-ismijiet Fogg Limited noe et -vs- Jesmond Ellul**).

**21.** Dan il-fatt pero' ma jeżonerax lill-konvenut mir-reponsabbilita tal-inċident. Jekk qatt għandhom ikunu applikabbli r-regoli taħt artikolu 1051 tal-Kodiċi Ċivili li jiddisponi hekk:

*"Jekk il-parti li tbati l-ħsara tkun b'nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb ikkontribwiet jew tat okkażjoni għall-ħsara,il-qorti, fil-likwidazzjoni tal-ammont tad-danni li għandhom jitħallsu lil dik il-parti, tiddeċidi, fid-diskrezzjoni tagħha, f'liema proporzjoni din tkun ikkontribwiet jew tat okkażjoni għall-ħsara li batiet, u l-ammont tad-danni li għandu jitħallas lilha mill-persuni l-oħra li jkunu dolożament jew bla ma riedu ikkontribwew għal dik il-ħsara, jiġi mnaqqas f'dik il-proporzjoni."*

**22.** Din il-Qorti kif presjeduta diġa' kellha okkażjoni li tispjega l-importanza ta' dan l-artikolu fis-**Sentenza tal-20 ta' Mejju, 2021 fl-ismijiet Censina Robinson -vs- Josef Zerafa**. Il-Qorti trid tiskopri u tiddetermina min irid jerfa' r-responsabbiltá għal dak li ġarrab l-Attur, u anke jekk kienx hemm xi kontributorjetá tiegħu ai termini tal-artikolu 1051 tal-Kap. 16. Dan għaliex, kif ġie ritenut, "*m'huwiex bizzejjed li l-qorti tillimita l-indagni sabiex tistabbilixxi min mill-partijiet ipprovoka s-sinistru, cjoe' l-kollizjoni. Trid issir indagni wkoll fuq il-kawza tad-danni li sofra l-vittma. Jista' jkollok riduzzjoni fejn per ezempju l-vittma naqas milli jilbes crash helmet, jew kien minghajr seat belt, jew jirkeb ma' persuna li jaf li qeghda ssuq taht l-effett ta' kwantita` sostanzjali ta' alkohol, jew jirkeb f'karrozza li jaf li hi difettuza."* (Ara **Sentenza fl-ismijiet Alan Busuttil et -vs- Raymond Farrugia, Qorti Ċivili Prim' Awla, 4 ta' Ottubru 2011**)

**23.** Ai fini tal-artikolu 1051 li l-vittma tista' tikkontribwixxi għall-ħsara jew tagħti okkażjoni għall-ħsara. Għalkemm dan it-tip ta' għemil tal-vittma huwa komunament u f'sens ġenerali meqjus bħala negliġenza kontributorja, il-liġi kjarament tiddistingwi bejn meta l-vittma tikkontribwixxi għal ħsara jew tkun tat okkażjoni għall-ħsara. Fl-ewwel kategorija tkun aġixxiet b'mod passiv (eż: kellha tilbes seat belt u ma libsitux) u fit-tieni kategorija tkun aġixxiet b'mod attiv (eż: qasmet bl-addoċċ meta kienet fis-sakra).

**24.** Issa x-xorta ta' kontributorjeta' da parti tal-Attur f'din il-kawża hija dik tat-tieni kategorija, għaliex bil-veloċita' li kien għaddej ta ukoll okkażjoni għall-inċident. Li kieku ma kienx għaddej b'daqshekk veloċita' forsi l-inċident kien ikun evitat meta applika s-sistema ta' frenaġġ jew tal-inqas ma kienx isofri ġrieħi daqshekk gravi. Għalhekk din il-Qorti wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ hija tal-fehma soda li l-grad ta' kontribuzzjoni għall-inċident da parti tal-Attur għandu jkun dak ta' 30%.

*Id-Danni*

**25.** Stabbilita r-responsabbilita għall-inċident imiss issa li jiġu ikkunsidrati u likwidati d-danni li sofra l-Attur.

**26.** Fil-liġi tagħna l-likwidazzjoni tad-danni hija regolata bl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili li taqsam id-danni f'żewġ aspetti: id-danni attwali (*damnum emergens*) u t-telf ta' qliegħ futur (*lucrum cessans*). Is-somma tad-danni

hi rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi permezz tas-sub-inċiz 2 tal-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili.

**27.** Speċifikatament, damnum emergens jikkonsisti fit-"*telf effettiv li l-egħmil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali". Fil-waqt li lucrum cessans jikkonsisti fit-"telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-egħmil seta' jġib.*"

**28.** Kif ingħad is-somma tad-danni hi rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi permezz tas-sub-inċiż 2 tal-imsemmi artikoli 1045 tal-Kodiċi Ċivili:

"*Id-determinazzjoni tal-kwantum tarriżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna ispirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-Kodici Ċivili. Fir-rigward tal-lucrum cessans dan jinvolvi t-telf ta' qliegh futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi mbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' l-inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata, tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja."* (Ara **Sentenza fl-ismijiet Paul Debono vs Malta Drydocks, Qorti Ċivili Prim' Awla, 27 ta' April 2005** ).

*Damnum emergens*

**29.** Kif diġa' rilevat dan jirrigwarda ħsara effettiva u attwali li sofra l-Attur b'konsegwenza tal-inċident. Skont din il-Qorti dawn huma s-segwenti:

€282 (a' fol 26), (€67.99) (a' fol 27 u 29 ), € 320 (a' fol 31), €2300 (valur tal-mutur menu valur tar-wreck a' fol 70 u xhieda ta' Gordon Micallef a' fol 69 u a' fol 202), €106.50 a' fol 30). €1790 (a' fol 25), €1583 (telf ta' overtime kalkolat fuq dok KI9). Għalhekk skont il-Qorti t-telf attwalment magħmul huwa dak ta' **€6,450.**

**30.** Il-Qorti hija konvinta li dawn id-danni ġew sofferti b'konsegwenza tal-inċident mertu ta' din il-Kawża. Ovvjament meta dawn jingħaddu mad-danni konsistenti *f'lucrum cessans* il-Qorti ser tieħu kont tal-kontribuzzjoni da parti tal-Attur kif fuq spjegat.

*Lucrum Cessans*

**31.** L-Awtur taljan Torrente jsostni li "*la* valutazione *del danno puo' esser laboriosa; basti pensare alla determinazione del risarcimento dovuto per danni arrecati alla persona. E' giusto per tanto, che al giudice sia attribuito in materia in quanto le parti non riescono a trovare un accordo diretto, un ampio potere equitativo.*" (**Torrente, Manuele Di Diritto Privato 11th Ed, pg 652**). Dan donnu li huwa l-każ fis-sistema ġuridiku tagħna skont il-kriterji ġenerali ffissati bis-subinċiż (2) tal-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili.

**32.** B'danakollu intqal, li fl-istat attwali tal-iżvillupp ġurisprudenzjali tagħna l-ġudikant ma għandux għalfejn jaqa' fuq kriterju ekwittativ ta' arbitrio boni viri meta jiġi biex iqies danni futuri, meta bl-għajnuna ta' metodu prattikabbli ġiet mill-Qorti stabbilita formula dwar kalkolu ta' kumpens jew somma għad-danni sofferti (ara **Sentenza Michael Butler vs Christopher Heard tat-22 ta' Diċembru 1967**).

**33.** Għal dak li jirrigwarda l-lucrum cessans, il-**Qorti Ċivili Prim' Awla per Imħallef Joseph R. Micallef rriteniet fil-kawża ġia ċitata Carmelo Fenech et vs Malta Freeport Terminals p.l.c** et intqal li "*dan il-kumpens irid jitqies fuq it-telf ta' qligħ li l-attur seta' bata diġà minn dak inhar tal-inċident, u wkoll dak li kien se' jkollu jbati 'l quddiem minħabba l-inkapaċità għal dejjem li huwa ġarrab fl-inċident mertu tal-każ; Illi l-kliem 'inkapaċita għal dejjem' li ssemmi l-liġi fihom iżjed minn tifsira waħda. Dan għaliex filwaqt li 'f'sens mediku tikkomprendi dak id-dannu li għalkemm skaturit minn inċident speċifiku fi żmien partikolari jħalli fuq is-suġġett danneġġjat riperkussjonijiet ta' natura durevoli, f'sens legali tikkonsisti f'dik il-qagħda fejn id-danneġġjat ma jkomplix jużufruwixxi ruħu kif imiss minn dak il-qligħ li kien jirrejalizża kieku ma kienx għall-event leżiv*" (Ara **ukoll Sentenza tal-Prim Awla tat-30.1.2008 fil-kawża fl-ismijiet Joseph Fenech et vs Sammy Meilaq noe et (mhix appellata)**).

**34.** Dan ifisser li hemm linja ta' ħsieb li tqis li l-kejl tal-kumpens li l-parti mġarrba jistħoqqilha tingħata jrid ikun gwidad mill-prinċipju tar-*restitutio in integrum* safejn possibbli u fis-sens li l-għan tal-likwidazzjoni tad-dannu

mġarrab għandu jkun dak li jerġa jqiegħed lill-persuna mġarrba f'pożizzjoni daqslikieku ma kien ġralu xejn bil-caveats legali kollha li dan il-prinċipju jġib mieghu (Ara **Sentenza tal-P.A. tat-3 ta' Ottubru 2003 fil-kawża fl-ismijiet Maria Debono vs Andrew Vaswani mhix appellata**).

**35.** Huwa minnu li l-liġi tagħna tagħraf bejn "*telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali*" u "*telf ta' qligħ li jbati 'l quddiem*". Huwa wkoll minnu, li dawn iż-żewġ kategoriji ta' telf huma magħrufa wkoll f'sistemi evoluti ta' likwidazzjoni ta' kumpens għal ħsara li jħalli korriment, u dan meta jiddistingwu bejn *"past pecuniary loss*" u "*future pecuniary loss*". Tant hu hekk, li huwa mgħallem li "*Past pecuniary loss comprises special damage and is separately assessed. ... Future loss, on the other hand, comprises part of general damages. It too, must be separately assessed in order to distinguish it from that part of general damages that bears interest ... Obviously, damages for future loss bear no interest; on the contrary, their assessment involves a discount for the early receipt of a lump sum representing successive future loss. The real difference between the two major categories of damage is that past loss is certain, or largely certain, whereas future loss is, by its very nature, uncertain*" (**Kemp (Ed), Damages for Personal Injury and Death, (3rd Edit.) §§ 3.02 - 3.03, f'paġ. 64**).

**36.** Din id-distinzjoni tista' tgħin sabiex tingħeleb l-anomalija li tista' tinħalaq fejn il-parti mġarrba ddum ma tibda l-proċeduri kontra min ikun ġabilha d-danni jew fejn il-kawża ddum tkarkar sakemm tinqata' b'mod

finali. Qorti għalhekk tifhem ukoll li l-prattika mħaddna fil-biċċa l-kbira tad-deċiżjonijiet ta' dawn il-Qrati hi li l-kalkolu tal-*lucrum cessans* jittieħed minn dak inhar li jkun seħħ l-inċident jew minn dak inhar li titressaq il-kawża (Ara **App. Ċiv. 30.11.1964 fil-kawża fl-ismijiet Cachia vs Conti et (Kollez. Vol: XLVIII.i.500**) f'dan il-każ fit-8 ta' Awwissu 2018. Iżda l-kriterju tal-kumpens għal telf ta' qligħ fil-ġejjieni jintrabat sfiq mal-fatt li kull korriment iġib miegħu żvantaġġ li jissarraf f'telf ta' opportunità għall-vittma li, kieku ma kienx għall-inċident, kienet tkun eliġibbli għalihom, imqar jekk wara l-inċident baqgħet tingħata paga sħiħa jew saħansitra tjiebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħha (Ara **App. Ċiv. 7.7.1998 fil-kawża fl-ismijiet Gatt vs Carbone noe (Kollez, Vol: LXXXII.ii.242)**).

**37.** Ħaġa oħra hi, li d-danni attwali konsistenti fit-tnaqqis ta' dħul b'effett dirett tal-korriment f'inċident jistgħu jimxu id f'id u kontemporanjament mat-telf ta' qligħ għall-ġejjieni li jkun beda sewwasew minn dak in-nhar tal-korriment kif fuq aċċennat (Ara **Sentenza tal-P.A. tal-31 ta' Jannar 1995 fil-kawża fl-ismijiet Vincent Cutajar vs Alfred Scicluna (mhux appellata)**). Huwa għalhekk li jinsab stabbilit ukoll, li l-multiplier jibda jitqies minn dak in-nhar tal-inċident kolpuż. F'dan ir-rigward, il-Qorti taqbel mar-regola mħaddna li l-kejl tat-telf imġarrab mill-Attriċi irid isir bi tqabbil ma' dak li kienet attwalment tirċievi l-persuna danneġjata kieku ma ndarbitx. Id-dħul disponibbli tiegħu kien ikun dak id-dħul li jifdallu wara li jitnaqqsu l-kontribuzzjonijiet għas-sigurtà soċjali u t-taxxa tad-dħul. (Ara fost oħrajn **Kemp op cit. §§ 3.29 – 3.30 f'paġ. 73**). Għalhekk meta l-

Qorti tqis il-kumpens, sejra timxi fuq il-qligħ nett li l-attur wera li kien daħħal.

**38.** Il-prinċipji bażiċi tal-mod kif jiġu kalkolati d-danni futuri ġew stabbiliti fil-kawża illum ormai klassika ta' Butler -vs- Heard. Jista' jkun li din il-Kawża ma stabbilitx l-aqwa kriterji possibbli iżda sa issa provdiet l-aħjar kriterji għal kalkolu tad-danni. Ovvjament dawn il-prinċipji evolvew maż-żmien permezz ta' pronunzjamenti oħra ta' dawn il-Qrati.

**39.** Kwantu għal kalkolu fuq medda ta' żmien imsejħa multiplier illum huwa stabbilit li dan għandu jkun mill-eta' mill-mument tal-inċident sal-eta ta' pensjoni. Dan mhux prinċipju fiss, fis-sens li tul ħajja ta' bniedem hemm diversi fatturi li jiddeterminaw il-lonġevita' tiegħu partikularment fid-dawl tal-avvanz tal-mediċina fil-kura tas-saħħa. Għalhekk mhux regola fissa li tkun daqstant fit-tul jekk jirrisulta li l-persuna minħabba kundizzjonijiet persistenti għas-sinistru kienet diġa' fi stat ta' saħħa ħażin li prevedibbilment ma kienux jippermetulha li tgħix sa 64 sena u bħal meta jkun tant b'saħħtu il-kalkolu jista' ukoll jissupera l-eta' pensjonabbli.

**40.** Fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti, fil-mument tal-inċident l-Attur kellu 43 sena (twieled fl-1975 ara a' fol 9). Dan ifisser li kalkolu ser isir fuq medda ta' 22 sena tenut kont li l-eta' pensjonabbli għall-irgiel hija dik ta' 65 sena.

**41.** Huwa ukoll stabbilit, li mill-ammont likwidat iridu jitnaqqsu 20% li jirrapresentaw il-konsum mis-somma finali kieku dak dovut kien imħallas fil-ħin magħrufa bħala *lump sum payment*. L-ermenawtika sentenzjali

lokali stabbiliet li dan l-ammont għandu jitnaqqas kemm-il darba l-Kawża ddum u li dan id-dewmien għandu jkun ikkalkolat mhux minn meta jseħħ l-inċident iżda minn meta tiġi intavolata l-kawża

**42.** Il-Qorti għandha ukoll tikkonsidra jekk id-dewmien kienx ħtija tal-konvenut, allura ma jkunx hemm tnaqqis jew ħtija tal-Attur li allura għandu jkun hemm tnaqqis. Bħala prinċipju dawn il-Qrati jgħidu li għandu jkun hemm tnaqqis ta' żewġ perċentwali għal kull sentejn tnaqqis. L-ewwel sentejn ma għandhomx jittieħdu in konsiderazzjoni għaliex dan huwa meqjusa raġjonevoli. F'dan il-każ il-Qorti qieset li tnaqqis bħal lump sum fl-ammont ta' 18% fil-mija jkun ġust tenut kont taċ-ċelerita' tal-proċeduri f'din il-Kawża.

**43.** Il-persentaġġ tad-danni permanenti huwa kruċjali għall-aħħar għaliex huwa dan li jiddetermina x'għandu effettivament l-ammont ta' danni likwidati. F'kawżi ta' korrimenti, il-Qorti neċessarjament tiddependi fuq l-opinjoni esperta ta' tobba u professuri. Meta l-Qorti taħtar espert tagħha għandha kemm jista' jkun tistrieħ fuq il-konklużjonijiet tiegħu b'dana ma jfissirx li din il-Qorti għandha tiskarta l-opinjoni ta' tobba ex parte li jkunu eżaminaw lill-Attur. L-importanti li l-Qorti toqgħod fuq opinjoni esperta u teknika u mhux tassumi dan ir-rwol f'materja tant teknika.

**44.** Mr. Charles Sciberras l-espert tal-Qorti iffissa d-diżabilta' permanenti fl-ammont ta' 5%. Dan jgħid ukoll illi wara li sar intervent kirurġiku fuq l-Attur "*Ma ghandniex xi nghidu li r-rizultat mhux perfett u*

*dal-gog qatt mhu ser ikun normali ghal kollox”* (a’ fol 94). Dr Jean Paul Demajo, tabib maħtur mill-Qorti, jgħid li trid issir operazzjoni fuq is-snien li tkun tiswa €8000. Jista’ jkun hemm aktar spejjes fil-futur. Ir-wreck biegħu €230 (a’ fol 292). Fil-fatt anke t-tabib tal-Qorti jixhed li “*fi zmien hames, ghaxar snin. Pero’ long term ninety nine percent jekk mhux aktar, it will fail, kif jghid l-ingliz …. Jispicca kollox, ikollu bzonn jerga’ jinbidel* “ (a’ fol 320). Iġifieri ż-żewġ tobba huma konkordi li ‘l quddiem l-Attur ser ikollu jagħmel intervent ieħor. Jidher li l-Attur qabel l-inċident diġa’ kellu bridge fi snienu (a’ fol 323). Pero’ il-Qorti ma tistax tasal għall-konklużjoni li dan il-fatt ikkontribwixxa għal dak li qiegħed isofri minnu l-Attur, tal-inqas ma hemm hemm xejn medikament li jindika dan.

**45.** Għalhekk il-Qorti ser tasal għall-konklużjoni li l-Attur qiegħed isofri minn debilta’ permanenti ta’ 5% u di piu’ ser iżżid is-somma ta’ tmint ewro (€8000) ta’ darba sa fejn jirrigwarda l-intervent li ser ikollu jagħmel l-Attur fil-futur. F’dan ir-rigward huwa interessanti dak li josserva l-awtur Paul Munken meta jagħmel referenza għall-Kawża fl-ismijiet Jones -vs- Griffith li “…*in assessing damages which depends on its view to what will happen in the future or would happen in the future ….the Court must make an estimate as to what are the chances that a particular thing will or would have happened”* (**Munken, On Damages for Personal Injuries and Death, Lexis Nexis, 12th Ed, page 4**). Għalhekk il-Qorti ma għandha ebda dubbju li abbażi ta’ dak li jsostnu t-tobba maħtura mill-Qorti, fil-futur

l-Attur ser jerġa' jkollu jissottometti lilu nnifsu għal operazzjoni oħra bl-ispejjes kollha li din ser kun qed iġġib magħha.

**46.** Il-kalkolu dejjem isir fuq l-entrojtu tad-danneġġjant. Dan ħafna drabi jkun ibbażat fuq id-dikjarazzjoni tat-taxxa ta' dak li jkun jew bi prova diretta ta' min ikun qiegħed jagħmel il-ħlas. Fil-każ li għandha quddiemha s-salarju gross li kien jirċievi l-Attur kien ta' tletin elf, disgħa mija u sebgħa ewro €30,907 (ara FS3 a fol 48). Pero' minn dan iridu jitnaqqsu l-ħlas ta' kontribuzzjonijiet ossia bolol u taxxa għaliex il-Qorti trid taħdem fuq dak li kien disponibbli għall-Attur għall-konsum. Għalhekk mis-somma gross iridu jitnaqqsu €3822 rappresentanti taxxa u €4000 ħlas ta' bollol. Dan ifisser li l-ammont nett li kien jinkassa kien ta' €23,085. Huwa fuq dan l-ammont li ser taħdem il-Qorti fuq medda ta' 23 sena kif fuq spjegat.

**47.** Pero' din il-Qorti tagħti ukoll importanza l-prinċipju tar-*restitution ad integrum*, fis-sens li l-vittma għandha kemm jista' jkun titqiegħed fil-posizzjoni li kienet qabel ma seħħ l-inċident. Il-Qorti hija konxja, li dan il-prinċipju għandu aktar minn natura ta' dak li hu mixtieq milli ta' dak li hu rejali, għaliex huwa umanament impossibbli, li wara inċident gravi, l-persuna danneġġjata terġa' titqiegħed fl-istat psiko-fiżiku li kienet fih qabel seħħ l-inċident.

**48.** Din il-Qorti tqies dan l-element bħala integrita' psiko-fiżika tal-persuna. L-għotja ta' flus, kbira kemm tkun kbira, qatt ma tista' tirrintegra lill-vittma għall-*istatus quo ante*. Apparti l-parti materjali tal-ġisem li tkun tilfet, hemm l-elementi ta' natura psiko-fiżika. Giovanna Visintini tikkwota

lill-Qorti ta' Cassazioni Taljana fejn ġie osservat li "*Il-danno alla vita di relazione e' una componente specifika del danno patrimoniale e implica una menomazione della cosi detta capacita' di concorrenza dell'individuo rispetto ad altri soggetti nei rapport socjali e economici*" (Ara **Giovanna Visintini, Trattato Breve Della responsabbilita' Civile, Cedam, ed 1996, pg 545**).

**49.** Issa f'dan ir-rigward fir-rapport datat 13 ta' Awwissu 2019 Dr Jason Zammit jgħid li jsibha diffiċli li "…*cannot open a bottle or handling a pen for long time. He has stopped attending the gym as he is unable to perform his previous work outs*…" (a' 15 u 16). Tajjeb ukoll jingħad li dan it-tabib jsib 6% diżabilita' u għalhekk fl-istess ilma ta' dak stabbilit mit-Tobba tal-Qorti. Dan ifisser, li għal bqija ta' ħajtu l-Attur ser ikun prekluż milli jkompli jsegwiha fl-aspetti kollha tal-ħajja, fost oħrajn anke dak agonistiku u sportiv. Din dimensjoni li ebda kwantifikazzjoni ma tista' tagħmel tajjeb għaliha. Għalhekk inkwantu l-integrita' psiko-fiżika tal-Attur ġiet menomata għall-bqija ta' ħajtu, din il-Qorti qed tillikwida *arbitrio boni viri* l-ammont ta' ħamest elef ewro **€5,000.**

**50.** Fl-aħħar nett irid jingħad ukoll li ġaladarba si tratta ta' telf futur, ikun ġust ukoll li jiġi kkunsidrat li dak li ser ikun likwidat, jittieħed inkonsiderazzjoni, li fil-ġejjieni dak li ser jingħata issa ser jitlef il-valur magħruf bħala "*purchasing power*" dovut dan għall-inflazzjoni tal-prezzijiet.

**51.** Kif jingħad "*The indication that standard awards would be adjusted for inflation can have a major practical effect. Such adjustment require the use of the Retail Price Index-imperfect instrument it may be, it is the best we have*". (**Ara Munken on Damages for Personal Injuries and Death; 12th Ed. Lexis Nexis pg 73**). Issa skond l-indiċi tal-inflazzjoni tal-prezzijiet anness mal-Kap 158 tal-liġijiet ta' Malta ir-rata ta' inflazzjoni fl-2016 kienet 859.63 u sakemm ġiet biex tingħata din is-Sentenza telgħet għal 947.40, bl-aħħar aġġustament fl-2022. Għalhekk din il-Qorti tqies ir-rata tal-inflazzjoni b' żieda ta' sitta fil-mija (6%) tkun ħaġa xierqa u ġusta fiċ-ċirkostanzi.

<u>*Kalkolu Lucrum cessans*</u>

**52.** €23,085 (salarju nett) x 22 (ħajja lavorativa) = €507,870 – €91,417 (18% lump sum payment) = €416,453. 5% ta' dan l-ammont (Diżabilita' permanenti) = €20,822 + €8000 (spejjes ta' operazzjoni fil-futur) = €28,822 + €5000 (integrita' psiko-fiżika) = €33,822 + €2030 (6% inflazzjoni) = **€35,853.**

**Danni totali**

€35,853 (lucrum cessans) + €6450 (damnum emergens) = €42,303 – €12,700 (30% kontibutorjeta' da parti tal-Attur għall-inċident) = **€29,603.** Dan tal-aħħar huwa l-ammont totali tad-danni sofferti mill-Attur.

**Decide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-Kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel talba Attriċi** b'mod limitat stante li l-Attur jaħti fil-grad ta' 30% għall-inċident inkwistjoni u dan kif spjegat aktar 'l fuq.

**Tilqa' it-tieni talba Attriċi** u tillikwida d-danni sofferti mill-Attur b'konsegwenza ta' dan l-inċident fl-ammont ta' disgħa u għoxrin elf sitt mija u tlett ewro **(€29,603**).

**Tilqa' it-tielet talba Attriċi** u tikkundanna lill-konvenut iħallas l-ammont hekk likwidat bl-imgħaxijiet legali mill-presenti sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjes kwantu għal tlieta minn għaxra ($^{3}/_{10}$) a' karigu tal-Attur u r-rimanenti sebgħa minn għaxra ($^{7}/_{10}$) a' karigu tal-konvenut.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**